SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

21 ta' Marzu 2024*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport – Trasport bit-triq – Direttiva 2006/126/KE – Liċenzja tas-sewqan – Kundizzjonijiet għall-ħruġ u għat-tiġdid – Standards minimi dwar il-kapaċità fiżika u mentali – Viżjoni – Anness III, punt 6.4 – Prinċipju ta' proporzjonalità – Persuna li ma tissodisfax l-istandard dwar il-kamp viżiv – Opinjoni favorevoli għall-kapaċità għas-sewqan mogħtija minn esperti mediċi – Marġni ta' evalwazzjoni f'każ individwali fl-assenza ta' eċċezzjoni espressa"

Fil-Kawża C-703/22,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Novembru 2022, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-16 ta' Novembru 2022, fil-proċedura

WU

vs

Directie van het Centraal Bureau Rijvaardigheidsbewijzen (CBR),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn N. Piçarra, President tal-Awla, N. Jääskinen (Relatur) u M. Gavalec, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Pikamäe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, minn K. Bulterman u H. S. Gijzen, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Nijenhuis, P. Messina u G. Wilms, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan (ĠU 2006, L 403, p. 18), kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/113/KE tal-25 ta' Awwissu 2009 (ĠU 2009, L 223, p. 31) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2006/126").

2 Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, WU u, min-naħa l-oħra, d-directie van het Centraal Bureau Rijvaardigheidsbewijzen (l-Uffiċċju Ċentrali tal-Liċenzji tas-Sewqan, il-Pajjiżi l-Baxxi, iktar 'il quddiem iċ-"CBR") dwar deċiżjonijiet ta' dan tal-aħħar li jiċħdu talba għal dikjarazzjoni tal-kapaċità fiżika u mentali ta' WU għas-sewqan ta' vettura bil-mutur, b'mod partikolari ta' vetturi tal-kategoriji C u CE, imressqa fil-kuntest tat-tiġdid tal-liċenzja tas-sewqan ta' WU, u li jirrifjutaw il-ħruġ lil dan tal-aħħar ta' liċenzja tas-sewqan oħra, limitata ġeografikament għall-Pajjiżi l-Baxxi.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 8 u 9 tad-Direttiva 2006/126 jipprovdu:

"(8) Għall-finijiet tas-sigurtà fit-toroq, għandhom jiġu stabbiliti r-rekwiżiti minimi għall-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan. Hemm il-ħtieġa li jiġu armonizzati l-istandards għat-testijiet tas-sewqan u għall-ħruġ tal-liċenzji Għal dan il-għan, għandhom jiġu definiti l-kompetenza, il-ħiliet u l-komportament konnessi mas-sewqan tal-vetturi, it-test tas-sewqan għandu jkun ibbażat fuq dawn il-kunċetti u għandhom jiġu definiti mill-ġdid l-istandards minimi tal-kapaċità fiżika u mentali sabiex jinsaqu tali vetturi.

(9) Għandha tingħieb prova ta' konformità ma' l-istandards minimi tal-kapaċità fiżika u mentali ta' sewqan minn sewwieqa ta' vetturi wżati għat-trasport ta' persuni jew ta' merkanzija meta tinħareġ il-liċenzja tas-sewqan u perjodikament wara dan. Tali kontroll regolari skond regoli nazzjonali ta' konformità ma' standards jikkontribwixxi għall-moviment liberu ta' persuni, jikkontribwixxi kontra d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u sabiex jittieħed kont tar-responsabbiltajiet speċifiċi tas-sewwieqa ta' tali vetturi. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jimponu li jsiru eżamijiet mediċi bħala garanzija ta' konformità ma' listandards minimi ta' kapaċità fiżika u mentali għas-sewqan ta' vetturi oħra bil-mutur. Għall-finijiet tat-trasparenza, tali eżamijiet għandhom ikunu kontemporanji għat-tiġdid ta' liċenzji tas-sewqan u għandhom għalhekk ikunu determinati mill-perjodu ta' validità tal-liċenzja."

4 L-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jintroduċu liċenzja tas-sewqan nazzjonali bbażata fuq il-mudell Komunitarju stabbilit fl-Anness I, skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. L-emblema

fil-paġna 1 tal-mudell Komunitarju tal-liċenzji tas-sewqan għandu jinkludi l-marka distintiva ta' l-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja."

5 Skont l-Artikolu 2(1) tal-imsemmija direttiva:

"Il-liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-Istati Membri għandhom jingħataw rikonoxximent reċiproku."

6 L-Artikolu 4 tal-istess direttiva huwa fformulat kif ġej:

"1. Il-liċenzja tas-sewqan prevista fl-Artikolu 1 għandha tawtorizza s-sewqan ta' vetturi b'mutur fil-kategoriji definiti aktar 'l isfel. Hija tista' tinħareġ mill-età minima indikata għal kull kategorija. […]

[…]

4. Vetturi bil-mutur:

– 'vettura bil-mutur' tfisser kwalunkwe vettura b'mutur, normalment użata għat-trasport ta' persuni jew merkanzija fuq it-triq jew għall-ġbid, fuq it-triq, ta' vetturi użati għat-trasport ta' persuni jew merkanzija. Dan it-terminu għandu jinkludi trolleybuses, jiġifieri vetturi konnessi ma' konduttur elettriku u li ma jimxux fuq binarji. It-terminu ma għandux jinkludi tratturi agrikoli jew tal-forestrija;

[…]

f) Kategorija C:

vetturi bil-mutur diversi minn dawk tal-Kategoriji D1 jew D, li l-massa massima awtorizzata tagħhom taqbeż 3500 kg u li jkunu proġettati u mibnija għat-trasport ta' mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra s-sewwieq; il-vetturi bil-mutur f'din il-kategorija jistgħu jiġu kombinati ma' karru ta' massa massima awtorizzata li ma taqbiżx 750 kg;

g) Kategorija CE:

– mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi konċernati, kombinazzjonijiet ta' vetturi li jikkonsistu minn vettura-trattur tal-Kategorija C u li jkollha karru jew semi-karru ta' massa massima awtorizzata li taqbeż 750 kg;

[…]"

7 L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2006/126 jipprovdi:

"1. Il-liċenzji tas-sewqan għandhom jinħarġu biss lil dawk l-applikanti:

a) li jkunu għaddew minn test ta' ħila u ta' komportament u minn test teoriku u li jissodisfaw l-istandards mediċi, skond il-dispożizzjonijiet ta' l-Annessi II u III;

[…]

3. It-tiġdid tal-liċenzji tas-sewqan meta tiskadi l-validità amministrattiva tagħhom għandu jkun suġġett għal dawn li ġejjin:

a) il-kontinwazzjoni tal-konformità ma' l-istandards minimi ta' kapaċità fiżika u mentali għas-sewqan kif previst fl-Anness III għal-liċenzji tas-sewqan fil-Kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1, D1E; u

[…]"

8 L-Anness III ta' din id-direttiva, intitolat "Standards minimi tas-saħħa mentali u fiżika sabiex tinsaq vettura b'mutur", jipprovdi:

"Definizzjonijiet

1. Għall-iskop ta' dan l-Anness, is-sewwieqa huma klassifikati f'żewġ gruppi:

1.1. Grupp 1:

is-sewwieqa tal-vetturi tal-Kategoriji A, A1, A2, AM, B, B1 u BE

1.2. Grupp 2:

is-sewwieqa tal-vetturi tal-Kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1 u D1E.

[…]

Eżamijiet Mediċi

[…]

4. Grupp 2:

L-applikanti għandhom joqogħdu għal eżami mediku qabel ma tinħarġilhom għall-ewwel darba l-liċenzja tas-sewqan u wara dan is-sewwieqa jridu joqogħdu għal kontrolli kif jiġi stabbilit fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li fih għandu residenza legali kull meta tiġġedded il-liċenzja tas-sewqan tagħhom.

5. L-istandards stabbiliti mill-Istati Membri għall-ħruġ u sussegwentement għat-tiġdid tal-liċenzji tas-sewqan jistgħu jkunu iktar stretti minn dawk stabbiliti f'dan l-Anness.

Vista

6. L-applikanti kollha għal liċenzja tas-sewqan għandhom jgħaddu minn investigazzjoni xierqa sabiex jiġi żgurat li għandhom vista ċara biżżejjed sabiex isuqu vetturi bil-mutur. Fejn ikun hemm raġuni ta' dubju dwar jekk il-vista tal-applikant hix adegwata, dan/din għandu/għandha jiġi/tiġi eżaminat/a minn awtorità medika kompetenti. F'dan l-eżami għandha tingħata attenzjoni, b'mod partikolari, għal dan li ġej: l-akutezza fil-vista, il-kamp viżiv, il-vista f'dawl newwiemi, is-sensittività għad-dija u l-kuntrast, id-diplopija u funzjonijiet oħra tal-vista li jistgħu jikkompromettu s-sewqan sikur.

Għas-sewwieqa tal-Grupp 1, il-liċenzja tista' tingħata f'"każijiet eċċezzjonali' fejn l-istandard tal-kamp jew tal-akutezza fil-vista ma jkunux intlaħqu; f'każijiet bħal dawn is-sewwieq għandu jsirlu eżami minn awtorità medika kompetenti sabiex jintwera li m'hemm l-ebda ħsara oħra fil-funzjoni tal-vista, inklużi s-sensittività għad-dija u l-kuntrast u l-vista f'dawl newwiemi. Is-sewwieq jew l-applikant għandu wkoll isirlu test prattiku pożittiv minn awtorità kompetenti.

[…]

Grupp 2:

6.4. L-applikanti għal-liċenzja tas-sewqan jew għat-tiġdid ta' tali liċenzja għandu jkollhom akutezza fil-vista, bil-lentijiet korrettivi jekk meħtieġa, ta' mill-inqas 0,8 fl-aħjar għajn u ta' mill-inqas 0,1 fl-agħar għajn. Jekk jintużaw lentijiet korrettivi biex jintlaħqu l-valuri ta' 0,8 u 0,1, l-akutezza minima (0,8 u 0,1) għandha tintlaħaq jew b'korrezzjoni permezz ta' nuċċali b'qawwa ta' mhux aktar minn + tmien dijopteri, jew bl-għajnuna ta' lentijiet tal-kuntatt. Il-korrezzjoni trid tkun ittollerata sewwa.

Barra minn hekk, il-kamp orizzontali tal-vista biż-żewġ għajnejn għandha tkun ta' mhux inqas minn 160 grad, l-estensjoni għandha tkun tal-inqas 70 grad fuq il-lemin u fuq ix-xellug u 30 grad 'il fuq u 'l isfel. Ma għandux ikun hemm difetti f'radju mit-30 grad ċentrali.

Ma għandhomx jinħarġu jew jiġġeddu liċenzji tas-sewqan lill-applikanti jew lis-sewwieqa li jsofru minn sensittività għall-kuntrast imnaqqsa jew minn diplopija.

Wara telf sostanzjali ta' vista minn għajn waħda, għandu jkun hemm perjodu ta' adattament xieraq (pereżempju sitt xhur), li matulhom il-persuna ma titħalliex issuq. Wara dan il-perjodu, is-sewqan ikun permess biss wara opinjoni favorevoli mingħand esperti tal-vista u tas-sewqan.

[…]"

Id-dritt Olandiż

9 L-Artikolu 111(1) tal-Wegenverkeerswet 1994 (il-Liġi tal-1994 dwar it-Traffiku fit-Toroq) jipprovdi:

"Liċenzja tas-sewqan tista' tinħareġ, fuq talba u permezz tal-ħlas tat-tariffa stabbilita għal dan l-għan, biss lill-persuna:

a) li tkun laħqet l-età minima stabbilita permezz ta' miżura amministrattiva ġenerali sabiex issuq vettura bil-mutur tal-kategorija kkonċernata mit-talba għal ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan u

b) li, skont eżami organizzat minn jew f'isem l-awtoritajiet konformement mar-regoli stabbiliti permezz ta' miżura amministrattiva ġenerali jew skont liċenzja tas-sewqan li nħarġitlu qabel jew liċenzja tas-sewqan li nħarġitlu barra mill-Pajjiżi l-Baxxi mill-awtorità kompetenti għal dan l-għan u li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti permezz ta' miżura amministrattiva ġenerali, għandha livell adegwat ta' kapaċità ta' sewqan suffiċjenti, jew inkella, jekk l-applikazzjoni tirrigwarda l-ħruġ ta' liċenzja valida għas-sewqan tal-mopeds, għandha livell ta' kapaċità ta' sewqan suffiċjenti."

10 L-Artikolu 97(1) tar-Reglement rijbewijzen (id-Digriet Irjali dwar il-Liċenzji tas-Sewqan) jipprevedi li, fuq talba u permezz tal-ħlas tat-tariffa stabbilita għal dan l-għan, id-dikjarazzjonijiet ta' kapaċità għandhom jiġu rreġistrati miċ-CBR fir-reġistru tal-liċenzji tas-sewqan għal kull persuna li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mid-digriet ministerjali dwar il-kapaċità fiżika u mentali għas-sewqan tal-vetturi bil-mutur. Iċ-CBR għandu jikkomunika lill-applikant b'din ir-reġistrazzjoni.

11 L-Artikolu 1(1) tar-Regeling eisen geschiktheid 2000 (id-Digriet Ministerjali tal-2000 dwar ir-Rekwiżiti għall-Kapaċità, iktar 'il quddiem id-"Digriet Ministerjali tal-2000") huwa fformulat kif ġej:

"Għall-fini ta' dan id-digriet, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

a) Grupp 1: il-liċenzji tas-sewqan tal-kategoriji A1, A2, A, B, B+E u T;

b) Grupp 2: il-liċenzji tas-sewqan tal-Kategoriji C, C1, CE, C1E, D, D1, DE u D1E."

12 L-Artikolu 2 ta' dan id-digriet jipprovdi:

"Ir-rekwiżiti dwar il-kapaċità fiżika u mentali għas-sewqan ta' vetturi bil-mutur għandhom jiġu stabbiliti skont l-anness mehmuż ma' dan ir-regolament."

13 Skont l-anness mehmuż mad-Digriet Ministerjali tal-2000:

"[…]

Kapitolu 3 Problemi bil-vista

[…]

3.3. Kampi viżivi

a. Grupp 1: Il-kamp viżiv orizzontali ma jistax ikun ta' inqas minn 120 grad u l-estensjoni għandha tkun tal-inqas 50 grad fuq il-lemin u fuq ix-xellug. Il-kamp viżiv vertikali għandu jkun tal-inqas 20 grad 'il fuq u 'l isfel. Ma għandux ikun hemm problemi fil-kamp viżiv f'raġġ ta' 20 grad mill-assi ċentrali.

F'każijiet eċċezzjonali, il-persuni li ma jissodisfawx l-istandards tal-kamp viżiv, bħal fil-każ tal-iskutomi, tal-quadranopsija jew tal-emjanopsija omonima, jistgħu jiġu ddikjarati bħala kapaċi għal-liċenzji tas-sewqan tal-Grupp 1. Il-kundizzjonijiet għal dan l-għan huma l-assenza ta' kwalunkwe disturb viżiv ieħor, opinjoni favorevoli ta' oftalmologu u li l-persuna tgħaddi minn test tas-sewqan (ara punt 3.5).

Din l-eċċezzjoni ma tapplikax għall-persuni li l-kamp viżiv orizzontali tagħhom huwa inqas minn 90 grad.

b) Grupp 2: Il-kamp viżiv orizzontali binokulari ma jistax ikun ta' inqas minn 160 grad u l-estensjoni għandha tkun tal-inqas 70 grad fuq il-lemin u fuq ix-xellug. Il-kamp viżiv vertikali għandu jkun tal-inqas 30 grad 'il fuq u 'l isfel. Ma għandux ikun hemm problemi fil-kamp viżiv f'raġġ ta' 30 grad mill-assi ċentrali.

3.4. Telf tal-vista minn għajn

a. Grupp 1: ikun hemm inkapaċità fil-każ ta' telf f'daqqa tal-vista minn għajn, u għalhekk anki fil-każ ta' diplopija skomda li teħtieġ il-kopertura ta' għajn. Dawn il-persuni jistgħu jerġgħu jiġu ddikjarati bħala kapaċi għall-finijiet tal-liċenzji tas-sewqan tal-grupp 1 wara perijodu ta' adattament ta' mill-inqas 3 xhur u wara opinjoni favorevoli ta' oftalmologu.

b) Grupp 2: f'każijiet eċċezzjonali, wara perijodu ta' adattament ta' mill-inqas 3 xhur u fuq opinjoni favorevoli ta' oftalmologu, sewwieq professjonali li diġà jkollu liċenzja tas-sewqan waħda jew iktar tal-grupp 2 jista' jerġa' jiġi ddikjarat kapaċi għall-finijiet ta' liċenzja tas-sewqan tal-kategorija C/CE jew D/DE li tkun limitata ġeografikament u li tista' testendi għat-territorju tal-Pajjiżi l-Baxxi bħala massimu.

Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għal dan l-għan huma rapport favorevoli ta' oftalmologu, dikjarazzjoni tal-persuna li timpjega redatta skont il-mudell stabbilit miċ-CBR u li l-persuna tgħaddi minn test tas-sewqan (ara punt 3.5)."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

14 WU, imwieled fl-1988, kellu inċident fl-età ta' sena, li kkawżalu ksur fil-bażi tal-kranju, li kellha l-effett li tillimita l-kamp viżiv orizzontali tiegħu. Din il-kundizzjoni tissejjaħ "emjanopsija".

15 Fil-11 ta' Lulju 2007, huwa kiseb il-liċenzja tas-sewqan tal-vetturi bil-mutur li jaqgħu taħt il-kategoriji C u CE, koperti mill-Artikolu 4(4)(f) u (g) tad-Direttiva 2006/126.

16 Wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2009/113, l-istandard minimu li jinsab fil-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126 daħal fis-seħħ fil-15 ta' Settembru 2009. Din ir-regola tipprevedi li, għas-sewwieqa ta' vetturi tal-kategoriji C u CE, il-kamp viżiv orizzontali taż-żewġ għajnejn ma għandux ikun inqas minn 160 grad.

17 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-qorti tar-rinviju ma setgħetx tiddetermina, minħabba l-assenza ta' dokumenti ġustifikattivi, jekk, fid-data li fiha WU kiseb il-liċenzja tas-sewqan tiegħu, iċ-CBR kienx diġà jaf bil-kundizzjoni tal-vista li minnha kien isofri, u lanqas liema kienet, dak iż-żmien, il-pożizzjoni taċ-CBR fir-rigward ta' tali kundizzjoni.

18 Sussegwentement, WU ħadem għal iktar minn għaxar snin bħala xufier professjonali. Matul dan il-perijodu, huwa saq trakkijiet mingħajr problemi u mingħajr ma kellu inċident, fil-Pajjiżi l-Baxxi kif ukoll barra mill-pajjiż, billi wettaq total ta' iktar minn miljun kilometru.

19 Fil-kuntest ta' talba għat-tiġdid tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu mressqa minn WU fl-2016, iċ-CBR ċaħad, permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Frar 2017, l-ewwel talba għal dikjarazzjoni ta' kapaċità fiżika u mentali għas-sewqan ta' vettura bil-mutur. Minkejja opinjoni favorevoli ta' oftalmologu li nħarġet fil-11 ta' Jannar 2017, kif ukoll rapport mediku mħejji minn tabib ieħor fil-25 ta' Awwissu 2016 li kien ukoll qies li WU kien kapaċi għas-sewqan, iċ-CBR qies li huwa ma kienx josserva l-istandard minimu li jipprovdi li l-kamp viżiv orizzontali taż-żewġ għajnejn ma għandux ikun inqas minn 160 grad, kif previst mill-punt 3.3(b) tal-anness mehmuż mad-Digriet Ministerjali tal-2000.

20 WU ppreżenta lment kontra din id-deċiżjoni. Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Lulju 2017, iċ-CBR iddikjara l-ilment infondat.

21 WU appella mis-sentenza li permezz tagħha l-azzjoni ġudizzjarja tiegħu ġiet ukoll iddikjarata infondata mill-qorti tal-ewwel istanza. Fil-kuntest tal-appell tiegħu, huwa sostna li kemm il-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126 kif ukoll il-punt 3.3 (b) tal-anness mehmuż mad-Digriet Ministerjali tal-2000 ma kinux jikkostitwixxu standard minimu strett. Fil-fehma tiegħu, kien għalhekk possibbli li tinħariġlu dikjarazzjoni ta' kapaċità fiżika u mentali għas-sewqan ta' vettura bil-mutur anki b'kamp viżiv iktar limitat minn dak li dawn id-dispożizzjonijiet jeżiġu l-osservanza tiegħu.

22 Permezz ta' sentenza tas-27 ta' Frar 2019, ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi) iddikjara dan l-appell infondat u kkonferma s-sentenza tal-ewwel istanza. Huwa qies li l-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126 huwa standard minimu li jikkonċerna l-kamp viżiv meħtieġ li għalih ma tista' ssir ebda eċċezzjoni. Il-punt 3.3(b) tal-anness mehmuż mad-Digriet Ministerjali tal-2000 jikkostitwixxi implimentazzjoni korretta ta' dan il-punt 6.4. Peress li ġie stabbilit li l-kamp viżiv orizzontali binokulari ta' WU huwa inqas minn 160 grad u li, għal din ir-raġuni, ma kienx jissodisfa r-regola dwar il-kamp viżiv, iċ-CBR ġustament irrifjuta li joħroġ id-dikjarazzjoni ta' kapaċità mitluba, u dan minkejja l-fatt li żewġ tobba kienu taw opinjoni favorevoli għal tali talba. Għaldaqstant, iċ-CBR ma jistax jieħu inkunsiderazzjoni l-interessi individwali ta' WU u jagħmel eċċezzjoni favurih.

23 WU ressaq talba oħra għal dikjarazzjoni ta' kapaċità fiżika u mentali għas-sewqan ta' vettura bil-mutur fis-27 ta' Awwissu 2018, sabiex jikseb liċenzja tas-sewqan għall-vetturi bil-mutur imsemmija fil-kategoriji C u CE ġewwa l-Pajjiżi l-Baxxi. Fil-kuntest ta' din it-tieni talba, iċ-CBR qies neċessarju li jissottometti mill-ġdid lil WU għal eżami tal-akutezza viżiva tiegħu, li madankollu għandu jitwettaq minn oftalmologu differenti minn dak li ddeċieda fil-kuntest tal-ewwel talba. Fir-rapport tiegħu tal-11 ta' Ottubru 2018, dan it-tieni oftalmologu kkonstata, l-ewwel nett, li l-kamp viżiv orizzontali ta' WU kien inqas minn 160 grad, it-tieni nett, li, sa mill-inċident tiegħu fl-1989, it-telf tal-kamp viżiv tiegħu kien stabbli u, it-tielet nett, li, b'dan il-kamp viżiv, WU kien diġà s-suġġett ta' opinjoni favorevoli għas-sewqan ta' vetturi bil-mutur darbtejn. Għaldaqstant, l-imsemmi oftalmologu qies li kien kapaċi li jsuq il-vetturi bil-mutur tal-kategoriji C u CE.

24 Madankollu, permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Marzu 2019, iċ-CBR reġa' rrifjuta li joħroġ lil WU d-dikjarazzjoni ta' kapaċità mitluba, peress li dan ma kienx josserva l-istandard minimu tal-kamp viżiv orizzontali għaż-żewġ għajnejn, li ma setax ikun inqas minn 160 grad.

25 WU ppreżenta lment kontra din id-deċiżjoni. Permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Lulju 2019, iċ-CBR iddikjara l-ilment infondat. Skont iċ-CBR, ir-rapport tat-tieni oftalmologu juri telf fuq ix-xellug tal-kamp viżiv għaż-żewġ għajnejn. Il-kamp viżiv orizzontali huwa inqas minn 160 grad. Għal din ir-raġuni, WU ma jissodisfax ir-rekwiżit previst fil-punt 3.3(b) tal-anness mehmuż mad-Digriet Ministerjali tal-2000, u lanqas ir-rekwiżiti tal-punt 3.4(b) ta' dan l-anness, li jipprevedi l-possibbiltà li jiġi ddikjarat madankollu kapaċi għas-sewqan ta' vettura bil-mutur sewwieq professjonali li huwa diġà detentur ta' liċenzja tas-sewqan waħda jew iktar tal-grupp 2 u li jitlef f'daqqa il-vista minn għajn, li jikseb liċenzja tas-sewqan tal-grupp 2 limitata ġeografikament għall-Pajjiżi l-Baxxi, u dan wara perijodu minimu ta' addattament ta' tliet xhur u abbażi ta' opinjoni favorevoli ta' oftalmologu. Fil-fatt, skont iċ-CBR, WU ma huwiex għami minn għajn,

iżda għandu emjanopsija, li jfisser li huwa parzjalment għami, kemm għal nofs ix-xellug kif ukoll għal nofs il-lemin tal-kamp viżiv. L-emjanopsija inkwistjoni hija omonima, jiġifieri li t-telf tal-kamp viżiv jirriżulta fiż-żewġ għajnejn fuq l-istess naħa (xellug).

26 Permezz ta' sentenza tal-21 ta' Mejju 2021, il-qorti tal-ewwel istanza ddikjarat ir-rikors ta' WU kontra din l-aħħar deċiżjoni bħala infondat. Hija qieset li ċ-CBR kien iddikjara ġustament li l-punt 3.4(b) tal-anness mehmuż mad-Digriet Ministerjali tal-2000 ma kienx applikabbli għall-każ ta' WU, peress li dan ma kienx għami minn għajn, iżda kellu emjanopsija omonima. Din il-qorti ma identifikat l-ebda raġuni sabiex jitqies li din id-deċiżjoni hija illeġittima fiċ-ċirkustanzi invokati minn WU, li huwa ilu limitat viżwalment mill-età ta' sena, huwa kien ikkumpensa l-assenza ta' kamp viżiv sħiħ u kellu vista eċċellenti, u dan minkejja r-rapport favorevoli tal-oftalmologu tal-11 ta' Ottubru 2018. Skont l-imsemmija qorti, in-natura imperattiva tal-punt 3.4(b) tal-anness mehmuż mad-Digriet Ministerjali tal-2000 ma tippermettix li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi individwali ta' WU.

27 WU appella minn din is-sentenza quddiem ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi), il-qorti tar-rinviju. Huwa jsostni, b'mod partikolari, li tliet rapporti, magħmula minn tobba differenti, qiesu li huwa kapaċi li jsuq trakk. Ċertament, huwa għandu limitazzjoni tal-kamp viżiv, iżda din il-limitazzjoni ilha teżisti sa mill-età żgħira tiegħu u kien ikkumpensa għaliha b'mod sħiħ bil-mod kif josserva t-traffiku u kif idawwar rasu. WU jsostni din il-perspettiva billi jipproduċi dikjarazzjoni ta' newropsikologu, li tindika li l-mod li bih WU josserva t-traffiku huwa tant żviluppat, li huwa jista' jiffunzjona viżwalment b'mod normali. Skont WU, il-fatt li persuna li tbati minn difett fil-vista iżda li għandha vista aċċettabbli hija awtorizzata ssuq vettura bil-mutur tal-kategoriji C u CE ma jmurx kontra l-għan tas-sistema ta' dikjarazzjoni ta' kapaċità fiżika u mentali għas-sewqan ta' vetturi bil-mutur. Is-sitwazzjoni ta' tali persuna tiġġustifika li ssir eċċezzjoni għar-rekwiżit li jinsab fil-punt 3.3(b) tal-anness mehmuż mad-Digriet Ministerjali tal-2000, bl-istess mod kif teżisti eċċezzjoni għat-telf tal-vista minn għajn, prevista fil-punt 3.4(b) ta' dan l-anness.

28 Il-qorti tar-rinviju tosserva li, minn perspettiva medika, WU ċertament ma josservax l-istandard minimu li jipprovdi li huwa għandu jkollu kamp viżiv orizzontali binokulari ta' mill-inqas 160 grad, previst fil-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126. Hija tqis, madankollu, li ma huwiex stabbilit li ma huwiex kapaċi għas-sewqan ta' vetturi bil-mutur tal-kategoriji C u CE. Tqum il-kwistjoni dwar jekk hemmx lok li WU jitqies li huwa kapaċi jsuq tali vetturi, billi l-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126 jiġi interpretat fis-sens li l-istandard minimu li dan jistabbilixxi huwa osservat minn persuna li tikkumpensa l-limitazzjoni tal-kamp viżiv orizzontali. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll jekk teżistix possibbiltà li jiġi applikat il-prinċipju ta' proporzjonalità, waqt l-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar it-tiġdid ta' liċenzja tas-sewqan, anki jekk ir-rekwiżit previst fil-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126 ma jipprevedi ebda eċċezzjoni. Din il-qorti tindika li, minbarra l-konstatazzjonijiet tal-esperti mediċi dwar il-kapaċità fiżika u mentali ta' applikant għas-sewqan ta' vetturi bil-mutur, evalwazzjoni tal-proporzjonalità tad-deċiżjoni li għandha tiġi adottata tista' tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li huwa stabbilit li, preċedentement, dan l-applikant kien f'pożizzjoni li jsuq b'mod sigur u li l-liċenzja tas-sewqan mitluba tintuża fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' professjoni. F'dan ir-rigward, għandha tingħata attenzjoni lill-Artikolu 15 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") li jipprevedi li kull persuna għandha d-dritt li taħdem u li twettaq professjoni magħżula jew aċċettata liberament.

29 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva [2006/126], b'mod iktar speċifiku l-istandard tal-kamp orizzontali tal-vista biż-żewġ għajnejn ta' mill-inqas 160 grad, moqri fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna li ma tissodisfax dan l-istandard minn perspettiva medika, iżda li, skont diversi esperti mediċi, hija fil-fatt tajba sabiex issuq trakk, tista' wkoll tissodisfa dan l-istandard?

2) Fil-każ ta' risposta negattiva għal din id-domanda, hemm lok li ssir evalwazzjoni tal-proporzjonalità fl-ambitu tad-Direttiva [2006/126] fil-każ individwali, anki jekk il-kriterju stipulat fil-punt 6.4 tal-Anness III tal-imsemmija direttiva ma jipprovdix għal possibbiltà ta' eżenzjoni f'dawn il-każijiet?

3) Jekk iva, liema ċirkustanzi jista' jkollhom rwol fl-evalwazzjoni dwar jekk, f'każ speċifiku, jistax ikun hemm deroga mill-istandard tal-kamp orizzontali tal-vista stipulat fil-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva [2006/126]?"

Fuq id-domandi preliminari

30 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126, moqri fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tal-Artikolu 15 tal-Karta, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li, f'każ konkret, persuna li ma tissodisfax minn perspettiva medika r-rekwiżit li huwa jipprevedi, li fuq il-bażi tiegħu, għas-sewwieqa tal-grupp 2, jiġifieri s-sewwieqa tal-vetturi tal-kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1 u D1E, il-kamp viżiv orizzontali taż-żewġ għajnejn ma għandux ikun inqas minn 160 grad, jista' jitqies li jissodisfa dan ir-rekwiżit sa fejn, skont diversi esperti mediċi, din il-persuna hija effettivament kapaċi ssuq vettura bil-mutur li taqa' f'waħda minn dawn il-kategoriji.

31 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-Direttiva 2006/126 tistabbilixxi, hekk kif jirriżulta mill-premessa 8 tagħha, armonizzazzjoni minima tal-kundizzjonijiet li bihom tinħareġ il-liċenzja tas-sewqan prevista fl-Artikolu 1 tagħha. Dawn il-kundizzjonijiet huma, b'mod partikolari, iddefiniti fl-Artikoli 4 u 7 ta' din id-direttiva u jikkonċernaw, fost l-oħrajn, l-età minima meħtieġa, il-kapaċità għas-sewqan ta' vettura bil-mutur, it-testijiet li għandu jgħaddi minnhom l-applikant u r-residenza tiegħu fit-territorju tal-Istat Membru ta' ħruġ. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 2(1) tal-imsemmija direttiva, il-liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-Istati Membri għandhom jingħataw rikonoxximent reċiproku.

32 Skont l-Artikolu 7(1)(a) tad-Direttiva 2006/126, il-liċenzja tas-sewqan tinħareġ biss lill-applikanti li jkunu għaddew minn test ta' kontroll tal-kapaċitajiet u tal-aġir kif ukoll test ta' kontroll tal-għarfien u li jissodisfaw standards minimi dwar il-kapaċità fiżika u mentali, konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Annessi II u III ta' din id-direttiva. Barra minn hekk, l-Artikolu 7(3)(a) tal-imsemmija direttiva jirrikjedi li t-tiġdid tal-liċenzja tas-sewqan ikun suġġett għall-osservanza ta' dawn l-istandards minimi dwar il-kapaċità fiżika u mentali għad-detenturi ta' liċenzji tas-sewqan tal-vetturi ta' kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1 u D1E. Dawn id-dispożizzjonijiet huma għalhekk ifformulati f'termini imperattivi.

33 Għandu jiġi kkonstatat li t-tieni subparagrafu tal-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126, li jipprevedi, fil-verżjoni tiegħu bil-lingwa Franċiża, li l-kamp viżiv orizzontali taż-żewġ għajnejn *ma għandux* ikun inqas minn 160 grad, huwa fformulat ukoll f'termini imperattivi. Għalkemm, kif irrilevat il-Kummissjoni Ewropea, din id-dispożizzjoni tinkludi, f'ċerti verżjonijiet lingwistiċi ta' din id-direttiva, bħal fil-verżjoni Ġermaniża (*sollte*), Ingliża (*should*),u Finlandiża (*olisi oltava*), verb inqas restrittiv milli fil-verżjoni Franċiża tagħha, verżjonijiet lingwistiċi oħra, bħall-verżjoni Spanjola (*deberá*), Taljana (*deve*), Olandiża (*dient*) u Portugiża (*deve*), madankollu jużaw ukoll verb vinkolanti.

34 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-formulazzjoni użata f'uħud mill-verżjonijiet lingwistiċi ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tistax isservi bħala bażi unika għall-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jew tingħata, f'dan ir-rigward, prijorità fil-konfront tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra. Fil-fatt, il-ħtieġa ta' applikazzjoni u, għalhekk, ta' interpretazzjoni uniformi ta' att tal-Unjoni, teskludi li dan l-att jiġi kkunsidrat b'mod iżolat f'waħda mill-verżjonijiet tiegħu, iżda tirrikjedi li d-dispożizzjoni inkwistjoni tiġi interpretata fid-dawl tal-istruttura ġenerali u tal-iskop tal-leġiżlazzjoni li tagħha tikkostitwixxi element, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-verżjonijiet stabbiliti bil-lingwi kollha l-oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Novembru 1969, Stauder, 29/69, EU:C:1969:57, punti 2 u 3; tat-30 ta' Ġunju 2022, Allianz Elementar Versicherung, C-652/20, EU:C:2022:514, punt 36, kif ukoll tat-18 ta' Jannar 2024, Regionalna direktsia "Avtomobilna administratsia" Pleven, C-227/22, EU:C:2024:57, punt 43).

35 Fir-rigward tal-istruttura ġenerali tad-Direttiva 2006/126, għandu jiġi osservat li l-punt 6.4 tal-Anness III tagħha ma jsemmi ebda eċċezzjoni għar-rekwiżit previst għas-sewwieqa tal-grupp 2, iddefinit fil-punt 1.2 ta' dan l-anness, li jkun hemm kamp viżiv orizzontali taż-żewġ għajnejn li ma jkunx inqas minn 160 grad, filwaqt li hija prevista eċċezzjoni fit-tieni subparagrafu tal-punt 6 tal-imsemmi anness għas-sewwieqa tal-grupp 1 li ma jissodisfawx l-istandards dwar l-akutezza viżiva u l-kamp viżiv.

36 Fl-assenza ta' eċċezzjoni simili għas-sewwieqa tal-grupp 2, dawn għandhom dejjem jissodisfaw ir-rekwiżiti dwar l-akutezza viżiva u l-kamp viżiv meta japplikaw għal liċenzja tas-sewqan ġdida jew għat-tiġdid ta' liċenzja tas-sewqan eżistenti.

37 Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, f'dan ir-rigward, li l-leġiżlatur tal-Unjoni qagħad attent li joħloq żewġ kategoriji ta' sewwieqa skont id-daqs tal-vettura, in-numru ta' passiġġieri ttrasportati u r-responsabbiltajiet li għalhekk jirriżultaw mis-sewqan ta' dawn il-vetturi. Fil-fatt, il-karatteristiċi tal-vetturi kkonċernati, bħad-daqs, il-piż jew il-manuvrabbiltà tagħhom, jiġġustifikaw l-eżistenza ta' kundizzjonijiet differenti għall-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan intiża għas-sewqan tagħhom (sentenza tat-22 ta' Mejju 2014, Glatzel, C-356/12, EU:C:2014:350, punt 83).

38 Barra minn hekk, is-sitwazzjoni msemmija fir-raba' paragrafu tal-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126, li, bħala eċċezzjoni, għandha tiġi interpretata b'mod strett, hija differenti minn dik ta' limitazzjoni tal-kamp viżiv orizzontali taż-żewġ għajnejn. Skont din id-dispożizzjoni, wara telf sinjifikattiv tal-vista minn għajn, huwa possibbli, wara perijodu ta' adattament u fuq opinjoni favorevoli ta' speċjalisti tal-vista u tas-sewqan, li persuna titqies li hija mill-ġdid kapaċi ssuq. Madankollu, telf sinjifikattiv tal-vista minn għajn ma jimplikax neċessarjament limitazzjoni tal-kamp viżiv orizzontali taż-żewġ għajnejn, u għalhekk is-sitwazzjonijiet tas-sewwieqa kkonċernati ma humiex paragunabbli.

39 Fir-rigward tal-għan tad-Direttiva 2006/126, din twettaq, kif jirriżulta mill-premessa 8 tagħha, armonizzazzjoni minima tal-kundizzjonijiet li taħthom tinħareġ il-liċenzja tas-sewqan prevista fl-Artikolu 1 tagħha, fejn din l-armonizzazzjoni hija intiża b'mod partikolari sabiex tistabbilixxi l-kundizzjonijiet preliminari neċessarji għar-rikonoxximent reċiproku tal-imsemmija liċenzja u ssegwi wkoll l-għan tal-imsemmija direttiva li tikkontribwixxi għat-titjib tas-sigurtà fit-toroq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Jannar 2024, Regionalna direktsia "Avtomobilna administratsia" Pleven, C-227/22, EU:C:2024:57, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata). Din il-premessa 8 tindika f'dan ir-rigward li, għall-finijiet tas-sigurtà fit-toroq, għandhom jiġu stabbiliti r-rekwiżiti minimi għall-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan u li huwa meħtieġ li jiġu armonizzati l-istandards għat-testijiet tas-sewqan u għall-ħruġ tal-liċenzji.

40 Ir-regoli minimi dwar il-kapaċità fiżika u mentali għas-sewqan ta' vettura bil-mutur, stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva 2006/126, ġew għalhekk stabbiliti sabiex jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti ta' sigurtà fit-toroq, konformement mal-Artikolu 91(1)(c) TFUE (sentenza tat-22 ta' Mejju 2014, Glatzel, C-356/12, EU:C:2014:350, punt 58).

41 Fil-fatt, bl-istabbiliment fl-Anness III tagħha, għas-sewwieqa tal-grupp 2 fis-sens ta' dan l-anness, ta' livell minimu tal-kamp viżiv orizzontali taż-żewġ għajnejn, id-Direttiva 2006/126 hija intiża li ttejjeb is-sigurtà fit-toroq u, għalhekk, tissodisfa għan ta' interess ġenerali tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Mejju 2014, Glatzel, C-356/12, EU:C:2014:350, punt 51).

42 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li huwa essenzjali, sabiex tiġi żgurata s-sigurtà fit-toroq, li l-persuni li tinħarġilhom liċenzja tas-sewqan ikollhom kapaċitajiet fiżiċi xierqa, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-vista tagħhom, peress li n-nuqqasijiet fiżiċi jista' jkollhom konsegwenzi kbar. Huwa effettivament magħruf li l-vista tissodisfa funzjoni essenzjali għas-sewqan ta' vetturi bil-mutur u, għalhekk, iktar ma tkun ridotta din il-funzjoni, iktar jidher neċessarju t-teħid inkunsiderazzjoni tar-rekwiżiti relatati mas-sigurtà fit-toroq (sentenza tat-22 ta' Mejju 2014, Glatzel, C-356/12, EU:C:2014:350, punt 54).

43 Issa, kif enfasizzat il-Kummissjoni, ir-rikonoxximent ta' ċertu marġni ta' evalwazzjoni sabiex jippermetti, f'każ konkret, li jitqies li hija kapaċi ssuq persuna li ma tissodisfax, minn perspettiva medika, ir-rekwiżit previst fil-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126, iżda li, skont diversi esperti mediċi, hija effettivament kapaċi ssuq trakk, jista' jagħti lok għal approċċi differenti minn Stat Membru għal ieħor, li jista' jippreġudika l-għanijiet ta' din id-direttiva.

44 Għandu jingħad ukoll li l-eżistenza ta' opinjonijiet favorevoli dwar il-kapaċità għas-sewqan, mogħtija minn tobba oftalmologi, lanqas ma tista' tiġġustifika n-nuqqas ta' applikazzjoni, f'każ konkret, tar-rekwiżit previst fil-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126, sa fejn jirriżulta b'mod ċar mill-premessa 9 u mill-Artikolu 7(3)(a) ta' din id-direttiva li hija l-prova tal-osservanza tar-regola minima li tinsab fit-tieni subparagrafu ta' dan il-punt 6.4, u mhux dik tal-imsemmija kapaċità, li l-persuna kkonċernata hija obbligata tipproduċi, u li l-opinjonijiet jew ir-rapporti esperti tal-oftalmologi ma jistgħux jikkumpensaw għall-assenza ta' tali prova.

45 Għalhekk, fid-dawl tal-istruttura ġenerali u tal-għan tad-Direttiva 2006/126, it-tieni subparagrafu tal-punt 6.4 tal-Anness III tagħha ma jistax jiġi interpretat fis-sens li tista' tingħata l-benefiċċju ta' eċċezzjoni lis-sewwieqa tal-grupp 2 li mill-perspettiva medika ma jissodisfawx ir-rekwiżit stabbilit minn din id-dispożizzjoni, iżda li huma, skont diversi esperti mediċi, effettivament kapaċi jsuqu vettura f'waħda mill-kategoriji li jaqgħu f'dan il-grupp.

46 Fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-proporzjonalità tad-deċiżjoni li għandha tiġi adottata dwar it-tiġdid ta' liċenzja tas-sewqan f'każ konkret, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li, minbarra l-konstatazzjonijiet tal-esperti dwar il-kapaċità għas-sewqan ta' applikant, ikun possibbli li jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li huwa stabbilit li, preċedentement, dan l-applikant kien f'pożizzjoni li jsuq b'mod sigur u li din il-liċenzja tas-sewqan intużat fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' professjoni, fid-dawl tal-Artikolu 15 tal-Karta, li jipprevedi li kull persuna għandha d-dritt li taħdem u li teżerċita professjoni magħżula jew aċċettata liberament.

47 F'dan ir-rigward, l-ibbilanċjar bejn, minn naħa, ir-rekwiżiti tas-sigurtà fit-toroq u, min-naħa l-oħra, drittijiet u interessi oħra, inkluż il-mobbiltà għal kulħadd u l-aċċess għall-professjoni ta' xufier professjonali, diġà twettaq mil-leġiżlatur tal-Unjoni, li jgawdi minn setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa fir-rigward ta' evalwazzjonijiet kumplessi ta' natura medika bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, billi pprova jillimita kemm jista' jkun kull ksur tad-drittijiet tal-persuni li jsofru minn problemi bil-vista (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Mejju 2014, Glatzel, C-356/12, EU:C:2014:350, punti 52 u 62). Għalhekk huwa adotta r-regoli previsti mid-Direttiva 2006/126, fid-dawl b'mod partikolari tal-konklużjonijiet tar-rapport "New standards for the visual functions of drivers" iċċitat mill-qorti tar-rinviju u ppubblikat fix-xahar ta' Mejju 2005 mill-grupp ta' ħidma "Vision", stabbilit mill-kumitat dwar il-liċenzji tas-sewqan stabbilit skont l-Artikolu 9 ta' din id-direttiva.

48 Issa, għandu jiġi kkonstatat li t-tieni subparagrafu tal-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126 jistabbilixxi, kif jirriżulta mill-punti 33 sa 45 ta' din is-sentenza, rekwiżit inekwivokabbli li l-kamp viżiv orizzontali taż-żewġ għajnejn ma għandux ikun inqas minn 160 grad.

49 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jidhirx possibbli li din id-dispożizzjoni tingħata interpretazzjoni li tippermetti, f'każ konkret, li tiġi injorata r-regola ċara li tistabbilixxi dan il-valur minimu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Mejju 2014, Glatzel, C-356/12, EU:C:2014:350, punt 71).

50 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126, moqri fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tal-Artikolu 15 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li, f'każ konkret, persuna li ma tissodisfax minn perspettiva medika r-rekwiżit li dan jipprevedi, li fuq il-bażi tiegħu, għas-sewwieqa tal-grupp 2, jiġifieri s-sewwieqa tal-vetturi tal-kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1 u D1E, il-kamp viżiv orizzontali taż-żewġ għajnejn ma għandux ikun inqas minn 160 grad, tista' titqies li tissodisfa dan ir-rekwiżit sa fejn, skont diversi esperti mediċi, din il-persuna hija effettivament kapaċi ssuq vettura bil-mutur li taqa' f'waħda minn dawn il-kategoriji.

Fuq l-ispejjeż

51 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Il-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan, kif emendata bid-Direttiva

tal-Kummissjoni 2009/113/KE tal-25 ta' Awwissu 2009, moqri fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tal-Artikolu 15 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

jipprekludi li, f'każ konkret, persuna li ma tissodisfax minn perspettiva medika r-rekwiżit li dan jipprevedi, li fuq il-bażi tiegħu, għas-sewwieqa tal-grupp 2, jiġifieri s-sewwieqa tal-vetturi tal-kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1 u D1E, il-kamp viżiv orizzontali taż-żewġ għajnejn ma għandux ikun inqas minn 160 grad, tista' titqies li tissodisfa dan ir-rekwiżit sa fejn, skont diversi esperti mediċi, din il-persuna hija effettivament kapaċi ssuq vettura bil-mutur li taqa' f'waħda minn dawn il-kategoriji.

Firem